MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MICALLEF JOSEPH R.

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1679/2001/1

**REĠISTRATUR TAL-QRATI**

**vs**

**RIVIERA RESORT HOTEL LIMITED (ġja' Solemar Limited) u Polidano Brothers Limited**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-22 t'Ottubru, 2001, li bih l-attur ippremetta:

1. Illi b'rikors ippreżentat fit-3 ta' Lulju 2001 (Dok. X), id-Direttur ta' l-Artijiet ippremetta illi s-soċjeta' Riviera Resort Limited (Dok. A) hija proprjetarja tal-lukanda "Solemar", liema lukanda hija sitwata fuq art tal-Gvern fil-Marfa, limiti tal-Mellieħa;

1.1. Illi s-soċjeta' intimata għandha titolu legali fuq parti żgħira biss minn l-art intiera minnha okkupata fil-

Marfa, u permezz ta' digriet tal-Qorti Ċivili, datat 2 ta' Frar, 2001, is-soċjeta' intimata, flimkien mas-soċjeta' Polidano Brothers, ġew inibiti milli jkomplu jesegwixxu kull xorta ta' xogħlijiet illegali fuq l-art in kwistjoni (Dok. B);

1.2. Illi sussegwentement għal dan il-mandat, ir-rikorrenti pproċeda kontra s-soċjetajiet fuq ċitati bi proċeduri legali permezz ta' ċitazzjoni, li ġġib in-numru 128/01/GV, differita għall-21 ta' Novembru, 2001, għad-danni sofferti mill-Gvern u għad-danni li l- Gvern għad irid isofri b'konsegwenza ta' l-okkupazzjoni illegali mis-soċjetajiet intimati;

1.3. Illi nonostante d-digriet ta' din il-Qorti tat-2 ta' Frar, 2001, kif ukoll il-proċeduri legali fuq ċitati, ir-rikorrenti sar jaf, permezz ta' artikolu ppubblikat f'waħda mill-gażżetti lokali datat 29 ta' Lulju, 2001 (*recte* 29 ta' Gunju, 2001 - Dok. Ċ), li l-lukanda in kwistjoni kienet ser tinfetaħ għall-pubbliku fix-xahar ta' Awissu 2001;

1.4. Illi l-aġir tas-soċjetajiet intimati, barra l-fatt li jirrendihom ħatja ta' disprezz lejn din l- Onorabbli Qorti, qed ikompli jippregudika l-posizzjoni tar-rikorrenti;

1.5. Għalhekk ir-rikorrent, filwaqt li gab is-suespost a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, talab bir-rispett li hija tagħti dawk il-provvedimenti opportuni skond il-liġi;

2. Illi b'digriet tal-31 ta' Awissu, 2001 (Dok. D), din l-Onorabbli Qorti, wara li kkunsidrat illi almenu *prima facie* jirriżulta li hemm lok li jittieħdu tali proċeduri għal disprezz, laqgħet it-talba tar-rikorrent Direttur ta' l-Artijiet u ordnat lill-attur biex, a bazi ta' l-artikolu 1003A tal-Kap. 12, jibda l-proċediment opportun għal disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti kontra s-soċjetajiet konvenuti;

3. Għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Għalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

(a) Issib lill-konvenuti ħajta ta' disprezz lejn l-awtorita' tagħha skond il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Tielet Ktieb, Titolu XVII;

(b) Tikkundanna lill-konvenuti għall-pieni hemm indikati;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur, flimkien mal-ħames (5) dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fis-17 ta' Diċembru, 2001, li biha l-kumpanniji mħarrkin eċċepew:

1. Preliminarjament illi s-soċjeta' eċċipjenti Riviera Resort Hotel Limited ġia Solemar Limited ġiet erronjament indikata mill-attur bħala "Riviera Resort Limited";

2. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-soċjetajiet konvenuti ma wrewx disprezz lejn l-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti, li lejha jiddikjaraw li għandhom l-akbar rispett;

3. Illi, mingħajr pregudizzju għas-suespost, id-Direttur ta' l-Artijiet naqas li jinnotifika tempestivament lis-soċjetajiet konvenuti bid-digriet tat-2 ta' Frar 2001, ċitat mill-attur, u għalhekk qatt ma jistgħu jinstabu ħatja li vvjolaw l-ordni kontenuta fl-imsemmi digriet;

4. Illi mingħajr pregudizzju għas-suespost, stante illi s-soċjetajiet konvenuti kienu ġew inibiti milli jagħmlu xogħolijiet "illegalment u abbuzivament fuq art tal-Gvern", u stante illi s-soċjetajiet esponenti qegħdin jinsistu li kull xogħol esegwit minnhom kien leġittimu u qed jiġi kontestat it-titolu tal-Gvern fuq l-art *de quo,* u stante illi dan huwa l-mertu tal-kawża fl-ismijiet *Direttur ta' l-Artijiet vs Riviera Resort Hotel Limited et* (128/01JRM), din l-Onorabbli Qorti għandha tissopprassjedi pendenti l-ezitu ta' l-imsemmija kawża;

5. Salv eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpanniji mħarrkin;

Rat ir-rikorsi tal-attur tal-11 ta' Jannar, 2002, 19 ta' Frar, 2002, u 15 t'April, 2002, li bihom talab li l-kawża titħalla għas-smigħ għal dati oħrajn, liema talbiet intlaqgħu wkoll minħabba li ma kienx hemm oppożizzjoni għat-talbiet mill-parti l-oħra;

Rat il-verbal tas-smigħ tad-19 ta' Ġunju, 2002, fejn il-kumpanniji mħarrkin ma baqgħux jinsistu għall-ewwel eċċezzjoni tagħhom, u dan wara li, b'Degriet tal-Qorti ta' dak inhar stess fuq talba tal-attur, l-atti tal-kawża ġew mibdula;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati dwar ir-raba' eċċezzjoni tal-kumpanniji mħarrkin;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degriet tagħha tad-19 ta' Ġunju, 2002, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għall-provvediment dwar ir-raba' eċċezzjoni tal-kumpanniji mħarrka dwar jekk il-Qorti għandhiex tieqaf milli tkompli tisma' din il-kawża sakemm jinqatgħu proċeduri oħrajn li jolqtu fatti marbuta ma' x-

xiljiet magħmulin f'din il-kawża u li għadhom pendenti quddiem qrati oħrajn;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għall-kundanna minħabba disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti. L-attur, fuq talba tad-Direttur tal-Artijiet u bis-saħħa ta' Degriet mogħti minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fil-31 t'Awissu, 2001, ressaq din l-azzjoni biex jiġi dikjarat li l-kumpanniji mħarrkin sfidaw l-ordnijiet ta' dawn il-Qrati billi, minkejja l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra tagħhom, baqgħu għaddejjin b'xogħlijiet ta' bini ta' lukanda fuq art milquta bil-proċeduri tal-imsemmi Mandat;

Illi għal din l-azzjoni, il-kumpanniji mħarrkin laqgħu billi iddikjaraw li bl-ebda mod m'għamlu xi ħaġa li biha riedu juru disprezz lejn il-Qorti, u ressqu wkoll eċċezzjoni proċedurali li din il-kawża ma tkomplix tinstama' sakemm tinqata' kawża oħra li għadha qegħda tinstama' minn dawn il-Qrati dwar ta' min hi tassew l-art li fuqha saru x-xogħlijiet inkriminati;

Illi dan il-provvediment qiegħed jingħata dwar din l-eċċezzjoni proċedurali ta' soprasessjoni;

Illi mill-provi li jirriżultaw mill-atti tal-kawża u li jistgħu jkunu rilevanti għall-kwestjoni li għandha quddiemha l-Qorti, joħroġ li fit-23 ta' Jannar, 2001, tressaq Rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kontra ż-żewġ kumpanniji mħarrkin, b'talba li dawn jiġu miżmuma milli jkomplu jagħmlu kull xorta ta' xogħlijiet fuq art tal-Gvern. B'degriet ta' dak inhar stess, il-Qorti laqgħet it-talba provviżorjament, u definittivament laqgħet it-talba u ħarġet il-Mandat ta' Inibizzjoni mitlub fit-2 ta' Frar, 2001, wara li semgħet lill-partijiet u rat id-dokumenti mressqa[1]. Wara l-ħruġ tal-imsemmi Mandat, id-Direttur tal-Artijiet ressaq kawża kontra l-kumpanniji mħarrkin[2]. Fit-3 ta' Lulju, 2001,

[1] Dok "B", f'pa[[. 7-9 tal-pro`ess

[2] ~itazz. Nru. 128/01GV

id-Direttur tal-Artijiet ressaq Rikors biex il-Qorti tieħu passi għal disprezz kontra l-istess kumpanniji mħarrkin, u dan minħabba li baqgħu għaddejjin bix-xogħol fuq l-art milquta bil-Mandat[3]. B'Degriet tal-31 t'Awissu, 2001, din il-Qorti (diversament presjeduta) laqgħet it-talba tad-Direttur u ordnat lill-attur Reġistratur tal-Qrati jibda l-proċeduri meħtieġa kontra l-kumpanniji imħarrkin[4]. Ir-Reġistratur fetaħ din il-kawża fit-22 t'Ottubru, 2001;

Illi l-kwestjoni mqanqla mill-eċċezzjoni taħt eżami hija jekk din il-Qorti għandhiex tibqa' tisma' l-azzjoni dwar l-allegat disprezz ladarba, kif imsemmi mill-attur innjifsu, hemm kawża li għadha qegħda tinstama' quddiem dawn il-Qrati li l-mertu tagħha jolqot sewwasew il-kwestjoni ta' min hu sid l-art li fuqha saru x-xogħlijiet inkriminati;

Illi l-Qorti tqis li biex tista' tingħata tweġiba xierqa għal din il-kwestjoni, huwa meħtieġ li qabel xejn wieħed jgħarbel in-natura tal-proċedimenti għad-disprezz fis-sistema proċedurali Malti (safejn jikkonċerna l-eċċezzjoni taħt eżami), u wkoll il-prattika tas-soprasessjoni kif imfissra matul iż-żmien mill-qrati tagħna;

Illi l-proċedura għal disprezz għandha natura partikolari. Hija maħsuba biex tħares ir-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti. Waħda mis-setgħat ewlenin ta' kull Qorti hija dik li tagħti ordnijiet lil xiħadd, kemm jekk biex dik il-persuna tagħmel xiħaġa, jew biex dik il-persuna ma tagħmilx xiħaġa. Il-ksur ta' kull ordni jikkostitwixxi disprezz għall-awtorita' li, bis-saħħa tagħha, dik l-ordni tkun ingħatat. Kif jgħallem Denning: *"This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt*"[5];

Illi, minbarra dan, xilja ta' disprezz iġġib magħha l-ħtieġa li tiġi ippruvata, minn min qiegħed jixli, il-fehma tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u, b'konsegwenza ta' hekk, l-awtorita' tagħha;

---

[3] Dok "X", f'pa[. 5 tal-pro`ess
[4] Dok "D", f'pa[. 11 tal-pro`ess
[5] ***In Re Bramblevale Limited*** (1970)

Illi, madankollu, dik l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna mixlija tqisx l-ordni mogħti lilha bħala wieħed korrett jew le: is-siwi ta' dik l-ordni, sakemm ma jitħassarx b'ordni ieħor tal-Qorti nnifisha jew ta' Qorti oħra, huwa raġuni oġġettiva li torbot lill-mixli li joqgħod għaliha, jaqbel jew ma jaqbilx magħha. Hekk stabilew il-Qrati tagħna, ukoll fejn wara rriżulta li l-ordni tal-Qorti kien wieħed null u bla siwi[6];

Illi, meħud f'dan id-dawl, il-proċediment tad-disprezz m'huwiex rimedju għall-persuna li tkun talbet it-teħid tiegħu, imma sanzjoni kontra min ikun ġab b'idejh u b'għemilu (jew bl-omissjoni tiegħu, skond il-każ) ksur ta' ordni mogħtija lilu. L-attur f'din il-kawża (u bil-proċedura illi tfasslet għal dan il-għan fl-1995) qiegħed huwa nnifsu jesegwixxi ordni mogħtija lilu minn Qorti kompetenti biex jibda dawn il-proċeduri. L-attur m'għandu x'jirbaħ xejn b'tali proċeduri għajr li jiżgura li tiġi mħarsa l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja[7];

Illi fil-każ ta' allegat ksur ta' ordni mogħti fil-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, wieħed isib dispożizzjoni espressa tal-liġi li tgħid x'għamla ta' sanzjoni jwassal miegħu l-ksur ta' ordni bħal dik[8];

Illi, kif ingħad aktar qabel, m'hemmx dubju li l-proċediment ta' disprezz huwa wieħed ta' natura penali[9], ukoll jekk jieħdu s-sura ta' proċeduri ċivili;

Illi dan iġib miegħu illi kull ma tgħid il-liġi dwar dan l-istitut għandu jitħares skond il-kelma tal-liġi u l-ispirtu li jħares il-jeddijiet tal-"akkużat" f'dak kollu li jista' jitqies ta' natura penali. Għalhekk mhux permess li l-istitut tar-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti jitwessa' b'analoġija, tixbieh jew teħid minn min ikun ta' inizzjativa li ma hix mogħtija lilu

[6] Ara App. ~iv. **7.10.1997** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Edward Camilleri noe vs Carmelo Vella*** (mhix pubblikata) u s-sentenzi hemm imsemmija

[7] P.A. **9.11.1990** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Il-Qorti vs Camilleri*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.546**)

[8] Ara art. 873(4) tal-Kap 12

[9] App. Kumm. **28.1.1991** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Portelli vs Cachia et*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.526**)

mil-liġi. Kien minħabba f'hekk li l-bidliet fil-liġi proċedurali fl-1995 stabilew min għandu jedd jibda tali proċeduri u f'liema ċirkostanza, wara żmien twil fejn kien dibattut f'għadd ta' sentenzi l-problema tal-aġent leġittimu ta' proċeduri bħal dawn[10];

Illi l-liġi tfisser min għandu jibda proċeduri ta' disprezz fl-artikolu 1003A tal-Kapitolu 12. F'dak l-artikolu persuna waħda għandha din is-setgħa u dik il-persuna m'hijiex individwu privat jew persuna li tallega li nkisrulha l-jeddijiet tagħha. Dik il-persuna waħdanija mogħtija s-setgħa li tibda tali proċeduri u li titqies bħala attur fihom hija r-Reġistratur tal-Qrati. Hemm modi kif persuna li tħoss li sar kontra tagħha għamil li jista' jitqies bħala wieħed li jikkwalifika bħala disprezz lejn il-Qorti tiġbed l-attenzjoni tar-Reġistratur biex jibda l-proċeduri meħtieġa;

Illi, meqjusa fid-dawl tal-eċċezzjoni taħt eżami, dawn il-konsiderazzjonijiet dwar il-proċediment għad-disprezz juru li tali proċess jimxi indipendentement minn dak ċivili, u li l-għanijiet tiegħu jmorru lil hinn minn kull kwestjoni, ewlenija jew anċillari, li wieħed jistenna li sejrin ikunu meqjusin minn Qorti jew tribunal investit bis-smigħ tal-proċess ċivili;

Illi, min-naħa tagħha, l-eċċezzjoni li titlob it-twaqqif ta' smigħ tal-kawża sakemm tinqata' oħra li tkun marbuta magħha hija msejsa fuq dak li jipprovdi l-artikolu 793 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jitkellem dwar smigħ fl-istess waqt taz-zewg kawzi li jkun hemm dik ir-rabta bejniethom, fis-sens li l-kawza mressqa t-tieni fuq suġġett marbut ma' kawza mressqa qabilha tinstama' flimkien ma' dik imressqa l-ewwel, taħt il-prinċipju tal-*ius preventionis;*

Illi s-soprasessjoni tista' b'mod eċċezzjonali tingħata meta tali smigh fl-istess waqt taz-zewġ kawzi ma jkunx jista' jsir, izda, billi hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawza għandha tinstama' sakemm tiġi maqtugħa[11], trid tingħata dejjem taħt kundizzjonijiet li għandhom ikunu serji

---

[10] Ara, per e\empju, P.A. **8.5.1991** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Il-Qorti vs Cutajar et*** (Kollez. Vol: **LXXV.iii.705**)

[11] Art. 195(1) tal-Kap 12

bizzejjed biex dan isir[12]. Kemm hu hekk, ingħad saħansitra f'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali[13], li l-eċċezzjoni tas-soprsessjoni fis-sens li l-Qorti għandha tieqaf milli tkompli tisma' kawza bħala tali, fis-sistema proċedurali tagħna, m'hijiex kontemplata għaliex l-eċċezzjoni li l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jikkontempla hija l-eċċezzjoni magħrufa bħala *lis alibi pendens* u din l-eċċezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun hemm żewġ kawżi għaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu;

Illi huwa minħabba f'hekk li l-Qrati jqisu s-soprasessjoni bħala provvediment ordinatorju mħolli fid-dehen tal-Qorti li quddiemha titressaq talba bħal dik[14]. Provvediment bħal dan huwa meqjus bħala wieħed interlokutorju[15] u, għalhekk, ma jorbotx lill-Qorti li tkun tatu jekk tqum il-ħtieġa li tibdel il-fehma tagħha aktar 'il quddiem, jekk tintwera raġuni tajba biex tagħmel dan;

Illi għalhekk ukoll, il-provvediment tas-soprasessjoni jitqies bħala pass mhux ordinarju li jissospendi s-smigħ ta' kawża, meta n-norma hija, kif ingħad, li kawża li tinbeda għandha tinstama' sa ma tinqata'[16]. Kemm hu hekk, il-provvediment tas-soprasessjoni tqies bħala wieħed "alejatorju"[17] li, minħabba t-termini ebsin tal-Kodiċi Proċedurali dwar is-smigħ tagħhom[18], jista' jwassal għad-deżerzjoni tal-proċeduri mwaqqfa. Għal bosta snin il-Qrati tagħna sabu li t-twaqqif ta' smigħ ta' kawża biex tistenna l-eżitu ta' kawża oħra li diġa' tressqet jew sakemm titressaq waħda fuq punt eċċezzjonali huwa rakkomandat biss fil-

[12] App. ~iv.: **28.10.1935** fil-kawza fl-ismijiet ***Sir Ugo Mifsud noe vs Guido Abela et***. (Kollez. Vol:**XXIX.i.1295**);

[13] P.A. Kost.: **12.8.1994** fil-kawza fl-ismijiet ***Lawrence Cuschieri vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.171**)

[14] Ara, per e\empju, App. ~iv. **23.6.1869** fil-kaw\a fl-ismijiet ***German et vs Scicluna et*** (Kollez. Vol: **V.157**); P.A. **23.1.1946** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Bu[eja vs |ammit*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.197**) u App. Kumm.: **26.3.1984** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Dr. Leslie Grech noe vs Dr. Emanuel Butti[ie[ et noe*** (mhix pubblikata)

[15] App. ~iv. **22.5.1989** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Mallia et vs Be\\ina et*** (Kollez. Vol: **LXXIII.ii.338**)

[16] App. ~iv. **4.11.1957** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Cardona vs Pisani*** (Kollez. Vol: **XLI.i.547**)

[17] P.A. **23.5.1997** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Camilleri noe vs Vassallo Gatt pro et noe*** (Kollez. Vol: **LXXXI.iii.83**)

[18] Ara art. 965(`)(d) tal-Kap 12

każ meta jkun hemm lok għas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tabilfors tiddependi l-kawża li sejra titwaqqaf[19];

Illi fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet, wieħed irid jara jekk is-soprasessjoni għandhiex issir meta proċeduri ta' disprezz għal ksur ta' degriet f'Mandat ikunu tmexxew fl-istess waqt li hemm proċeduri ta' natura ċivili li jolqtu dak il-Mandat dekretat. Il-Qorti hija tal-fehma li għandha tagħti tweġiba fin-negattiv. Dan tgħidu għaliex il-proċeduri tad-disprezz, mifrudin essenzjalment minħabba n-natura tagħhom minn dawk ċivili, huma għal kollox miftuma minn kwalunkwe kawża oħra[20], u għalhekk la m'hemmx dipendenza bejn l-ewwel proċedura u proċeduri oħrajn, m'hemmx lok għas-soprasessjoni[21];

Illi l-kumpanniji imħarrkin qegħdin jgħidu li ma jistgħux jinstabu ħatjin ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti li ħarġet il-Mandat ta' Inibizzjoni kontra tagħhom għaliex m'hux minnu li komplew ix-xogħlijiet fuq art tal-Gvern (kif mitlub fir-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat), tant li qegħdin iressqu dan il-fatt bħala kontestazzjoni tagħhom fil-mertu fil-proċeduri ċivili tal-kawża numru 128/01GV. Ikomplu jtennu, għalhekk, li qabel ma dik il-Qorti tistabilixxi li huma fil-fatt wettqu xogħol fuq art tal-Gvern, ma jista' qatt jingħad li kisru l-ordni tal-Qorti kif dekretata fil-Mandat ta' Inibizzjoni. Din il-Qorti ma ssibx li dan l-argument irieġi għaliex donnu juri li l-kumpanniji mħarrkin ma fehmux in-natura tal-proċeduri preżenti meħudin kontra tagħhom. Dawn il-proċeduri huma xilja li huma sfidaw ordni tal-Qorti li kienet tgħid li m'għandhomx jissoktaw b'xogħlijiet li għalihom kien japplika dak il-Mandat ta' Inibizzjoni. L-eżami ta' x'kien jinvolvi dak l-ordni u jekk fil-fatt sarx ksur tiegħu ma jista' qatt jitqies fil-proċeduri ċivili mibdija bil-għan li jitqies il-jedd li ġie mħares bil-ħruġ tal-Mandat (jiġifieri dawk l-istess proċeduri li l-imħarrkin qegħdin jgħidu li għandhom jintemmu l-ewwel). Dak l-eżami jrid u jmissu jsir biss f'dawn il-proċeduri. Il-Qorti temmen li,

---

[19] P.A. **12.4.1962** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Azzopardi et vs Critien pro et*** (Kollez. Vol: **XLVI.ii.591**)
[20] Ara Kumm. **20.8.1953** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bellizzi*** (Kollez. Vol: **XXXVII.iii.910**)
[21] App. ~iv. **5.10.1981** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Joseph Degaetano noe vs Avukat Louis Galea noe et*** (mhix pubblikata) li wkoll kienet tittratta talba g]as-soprasessjoni fi pro`eduri ta' disprezz

kieku wieħed kellu jirraġuna mod ieħor, ikun qiegħed jinfetaħ il-bieb lil kull min inħareġ kontra tiegħu Mandat ta' Inibizzjoni li jibqa' sejjer bix-xogħlijiet imwaqqfa impunement billi sempliċement jgħid li hemm pendenti proċeduri fil-mertu li huwa jkun qiegħed jikkontesta. Argument bħal dan jipprova jġib fix-xejn mhux biss l-ordni mogħti bid-Degriet tal-ħruġ tal-Mandat, imma saħansitra l-awtorita' tal-Qorti li tkun tat ordni bħal dak;

Illi mhux dubitat li r-riżultat aħħari tal-kawża mibdija mid-Direttur tal-Artijiet jista' jolqot b'xi mod ir-rapport ta' bejn il-partijiet fil-ġejjieni, iżda l-Qorti ma tqisx li t-talbiet f'din il-kawża (u l-grad ta' prova li jmisshom jinġiebu mill-attur f'din il-kawża) jaqgħu sewwasew u se jkunu trattati fil-kawża l-oħra[22];

Għalhekk, il-Qorti ssib li ma ntweriex b'raġuni tajba għaliex is-smigħ ta' din il-kawża għandu jinżamm, għalkemm seta' jkun il-każ, taħt ċirkostanzi oħrajn, li din il-kawża tinstama' mal-oħra;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi **tiċħad ir-raba' eċċezzjoni** tal-kumpanniji mħarrrkin, bl-ispejjeż kontra tagħhom, u tordna li l-kawza tissokta tinstama' fil-mertu.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.,**
**14 ta' Novembru, 2002**

**Charles Falzon,**
**Deputat Reġistratur,**

---

[22] App. ~iv. **6.10.1999** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Grima et vs Frendo et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.ii.393**)

**14 ta’ Novembru, 2002**